# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### SEDUTA TAS-27 TA' ĠUNJU 2019

**Kawza Numru: 9**

**Rik. Ġur. 929/2015 RGM**

**George Galea (I.D. 379253 (M) u**

**Catherine Galea (I.D. 330757 (M)**

**vs.**

**Alfreda Bondin (I.D. 762256 M)**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Rat ir-**rikors ġuramentat tal-attur George Galea** ppreżentat fl-1 t'Ottubru, 2015, li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali) moghtija fl-10 t'Ottubru 2012 (**Dok. A** vera kopja annessa) li giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 ta' Lulju, 2013 (**Dok. B** vera kopja annessa) fl-ismijiet *Pulizija vs Omissis Alfreda Bondin*, il-konvenuta Alfreda Bondin nstabet hatja tal-akkuzi kif kienu dedotti originarjament fil-konfront taghha u ta' Anthony Bondin u cioe` li fil-11 ta' Gunju, 2006 ghall-habta ta' l-10.00 a.m. huma jew persuni inkarigati minnhom qalaw hajt divizorju fuq il-bejt ta' Fond 22, Triq il-Herba, Zejtun, liema hajt ilu jezisti mill-1 ta' Settembru, 1989 u dan minghajr il-kunsens tal-kwerelanti (l-atturi rikorrenti), hadu l-ligi b'idejhom bil-konsegwenza li l-istess kwerelanti ma jhossux li jistghu jghixu f'darhom fis-sigurta`;

2. Illi kif ser jigi spjegat u muri f'aktar dettal matul il-mori ta' din il-kawza, l-ezistenza tal-hajt imsemmi, giet konfermata waqt l-espletar tal-inkarigu tal-Perit Tekniku Valerio Schembri kif rappurtat fir-Relazzjoni preparata minnu fil-mori tal-Proceduri Kriminali msemmija fl-ewwel premessa (annessa bhala **Dok C**), fosthom permezz ta' ritratti li kienu juru kif kien il-hajt qabel ma kien gie maqlugh parti minnu (Dok CG205605 u CG250606 esebiti fl-imsemmija relazzjoni) kif ukoll l-istat sussegwenti tal-istess hajt wara li parti minnu gie maqlugh (DokZTN01 et seq. esebiti wkoll fl-istess relazzjoni);

3. L-istess konvenuta, permezz ta' tali proceduri kienet fil-fatt giet ikkundannata ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt Ewro (€500) liema multa kellha tithallas sa fi zmien ta' sitt (6) xhur;

4. Illi l-hajt in kwistjoni u cioe` l-hajt divizorju fuq il-bejt ta' Fond 22, Triq il-Herba, Zejtun, proprjeta` tar-rikorrenti baqa' ma regax gie ripristinat ghall-istat originali tieghu minkejja li l-atturi rikorrenti nterpellaw lill-konvenuta ghal dan il-ghan permezz ta' numru ta' ittri legali datati l-1 t'Awwissu, 2013 u 16 ta' Settembru, 2013 (**Dok. D u E**), kif ukoll permezz ta' zewg ittri ufficjali prezentata fit-30 t'Ottubru, 2013 u fit-22 t'April, 2014 (vera kopji ta' liema qed tigi annessa bhala **Dok. F1 u Dok. F2**) u notifikati lill-istess konvenuta rispettivament fis-6 ta'

Novembru 2013 u fit-22 ta' Mejju 2014 kif jirrizulta mit-timbri li wiehed isib fuq in-naha ta' wara ta' l-ittri ufficjali annessi;

5. Illi wara l-mewt ta' zewgha, l-konvenuta Bondin baqghet tghix ma' genb id-dar tar-rikorrenti u l-hajt in kwistjoni kien ittela' fl-1 ta' Settembru 1989 mir-rikorrenti meta dawn kienu marru joqoghdu fil-fond proprjeta` taghhom billi kienu ghollew cint ezistenti sabiex ikun hemm privatezza u ma jkunx hemm access bejn iz-zewg bjut sabiex b'hekk ikun hemm divizjoni aktar cara tal-fond adjacenti;

6. Illi l-fatt li tali hajt baqa' ma regax ittella' mill-konvenuta minkejja d-diversi interpellazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti, huwa ta' pregudizzju ghas-sigurta` u privatezza tar-rikorrenti izda in vista tal-proceduri Kriminali li kienu ttiehdu fil-konfront tal-konvenuta li taghhom hija nstaghbet hatja, huma hassew li kellha u ghandha tkun l-istess konvenuta li ghandha tirriprestina a spejjez taghha l-hajt in kwistjoni ghal kif kien qabel ma dan kien twaqqa';

7. Illi minkejja li l-esponenti sahansitra pruvaw jintimaw lill-konvenuta permezz ta' ittra ufficjali ohra datata 4 ta' Frar, 2015 notifikata fid-9 ta' Frar 2015 (Dok. G – vera kopja annessa) sabiex fi zmien gimgha min-notifika ta' tali ittra ufficjali, hija tiehu dawk il-passi necessarji sabiex tirranga l-hajt hawn fuq imsemmi u li fin-nuqqas l-esponenti kienu ser jirrangaw huma l-hajt in kwistjoni b'dan illi huma sussegwentement kienu ser ifittxu lilha ghall-ispejjez li huma kienu ser ikunu nefqu inkluzi dawk biex jigi mhejji r-rapport imsemmi fl-istess ittra ufficjali u dawk ta' l-ittri ufficjali mibghuta lilha, flimkien ma' kwalsiasi spejjez ta' danni ohra li setghu gew sofferti minnhom in vista tad-dewmin taghha biex tottempera ruhha ma' dak hawn fuq mitlub, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

8. Illi fl-istess waqt l-esponenti, konxji tal-atteggjament negattiv muri mill-konvenuta lejhom, marru jitolbu l-assistenza tal-Pulizija mill-ghassa taz-Zejtun sabiex ikunu prezenti fil-mument li huma kienu ser jinkarigaw lil terzi biex jirrangaw il-hajt mertu ta' din il-kawza, biex jigu evitati kwalsiasi konfrontazzjonijiet, gie spjegat lilhom li din l-assistenza u presenza ma setghetx

tinghata fin-nuqqas ta' Ordni mill-Qorti u b'hekk huma ma ssugrawx li jaghmlu x-xogholijiet rimedjali proprju biex jevitaw kwalsiasi konfrontazzjoni mal-konvenuta.

Ghaldaqstant in vista tan-nuqqas ta' adempjenza mill-konvenuta ghal dak mitlub mir-rikorrenti sabiex il-hajt hawn fuq imsemmi jerga' jittella', r-rikorrenti makellhom l-ebda ghazla ohra hlief li jipprocedu b'din il-kawza u b'hekk qed jitolbu sabiex dinl-Onorabbli Qorti:

i. Tordna lill-konvenuta Alfreda Bondin sabiex tqieghed ghal kif kien qabel il-11 ta' Gunju, 2006, a spejjez taghha, il-hajt divizorju fuq il-bejt ta' Fond 22, Triq il-Herba, Zejtun, minghajr ma tithalla ebda struttura jew ingombru iehor, u dan taht is-sorveljanza ta' Perit nominandi fi zmien ta' mhux aktar minn tlett (3) xhur mid-data minn meta s-sentenza moghtija f'dawn il-proceduri ssir res judicata;

ii. Sabiex jigi accertat illi l-konvenuta taghmel ix-xoghol hekk ordnat minghajr dewmien, tistabilixxi penali ta' ghaxar Ewro (€10) kuljum pagabbli mill-konvenuta lill-atturi rikorrenti ghal kull jum dekorribbli minn meta jkun ghadda l-perjodu mitlub li jigi stabbilit fl-ewwel talba, liema penali tibqa' imponibbli sakemm ikunu saru x-xogholijiet kontemplati fl-ewwel talba;

iii. Tawtorizza ulterjorment, lir-rikorrenti, sabiex fin-nuqqas ta' adempiment tal-konvenuta ma' dak ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, fit-terminu ta' tlett (3) xhur hawn fuq imsemmi, r-rikorrenti jkunu jistghu huma stess jergghu jtellghu l-hajt divizorju fuq il-bejt ta' Fond 22, Triq il-Herba, Zejtun, taht is-sorveljanza ta' perit nominandi bl-ispejjez ghal tali bini ta' hajt jkunu a karigu tal-istess konvenuta;

iv. Bl-ispejjez ta' din il-kawza u dawk tal-ittra ufficjali numri 3332/13, 1247/14 u 432/15 a karigu tal-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-intimata Alfreda Bondin** ppreżentata fl-10 ta' Novembru, 2015 fejn jingħad kif ġej:

**"L-Eccezzjonijiet**

1. It-talbiet huma infondati fil-fatt u l-aktar fid-dritt ghar-ragunijiet u eccezzjonijiet hawn migjuba.

2. Illi l-kawzali li fuqha hija mibnija l-kawza hija prettament decizjoni tal-Qrati Kriminali, u l-azzjoni penali hija ghal kollox indipendenti mill-azzjoni civili (Artiklu 6 tal-Kodici Kriminali);

3. Illi l-esekuzzjoni ta' sentenza penali tispetta unikament lil-organi gudizzjarji penali u mhux dawk civili, hlief fejn il-ligi taghmel eccezzjoni, u dan mhux wiehed mill-kazijiet fejn inholqot tali eccezzjoni.

4. Illi s-sentenza penali esebita u li fuqha hija unikament bazata t-talba, ma ghamlet l-ebda ordni ta' ripristinar u penali fin-nuqqas skont l-artiklu 377 tal-Kap 9.

5. Illi t-tieni talba ghall-imposizzjoni ta' penali hija rrita u nulla, stante li l-penali fil-kamp civili hija klawsola f'kuntratt ta' natura civili u stipulata bil-kunsens tal-partijiet.

6. Illi l-esponenti ghandha dritt ta' passagg liberu ghal fuq bejt iehor taghha liema dritt ta' passagg huwa necessarju ghal dan il-bejt gie interkjuz, u inoltre obbligati l-atturi li jaghtu tali passagg bir-rigel stante li kien hemm divizjoni tal-istess bini, u dan il-bejt li qabel kellu access, necessarjament u skont il-ligi tad-divizjoni ghad irid jibqa' dan l-access liberu.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

**Dikjarazzjoni tal-fatti**

1. Kif jghidu l-istess atturi, meta huma akkwistaw il-post taghhom, qabdu u minn rajhom ghamlu xogholijiet li ma kienx hemm qabel. Il-familja tieghi kellhom dritt jghaddu minn fuq il-bejt halli jmorru ghall-bejt iehor aktar ’l gewwa. Meta kien haj ir-ragel, kien ghamel xi tibdil, u s-saqaf ta’ bejt taghna qalghu imma halli t-travi u l-istrutturi li kien hemm.

2. Dan il-bejt meta rridu nerghu naghmluh kif kien u l-uniku access ghalih huwa minn fuq il-bejt kif kien qabel.

3. Dawn il-postijiet kienu imqasmu b’divizjoni, u ghalhekk hemm dritt li dak l-access ghal fuq il-belt tieghi bir-rigel jibqa’ hemm. Kien ghalhekk li thalla cint baxx biex tista’ tghaddi bla xkiel.

4. Bhal ma hadu l-ligi b’idejhom l-attur hekk ukoll ghamilt jien, u spiccajt il-Qorti tal-Magistrati umbaghad l-Appell. Jien instabt hatja li hadt il-ligi b’idejja, imma ma kelli l-ebda ordni biex intella’ l-hajt fejn ghamilt fetha kemm nghaddu.

5. Kull m’ghamilt jien kien li poggejt kollox kif kien qabel dahlu l-atturi fil-post taghhom."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fl-14 ta’ Novembru 2018 u n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimata ppreżentata fis-17 ta’ Diċembru 2018;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tal-24 ta’ Jannar 2019;

Rat il-verbal tas-27 ta’ Marzu 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Fatti**

Illi bis-saħħa ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) fl-10 t'Ottubru 2012 u konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 ta' Lulju 2013, l-intimata Bondin instabet ħatja talli fil-11 ta' Ġunju 2006 għal ħabta tal-għaxra ta' filgħodu, hi u/jew xi ħadd minnha inkarigat ħattew ħajt diviżorju fuq il-bejt ta' 22 Triq il-Ħerba, Żejtun, liema ħajt ilu jeżisti minn Settembru tal-1989. Ir-rikorrenti jilmentaw li nonostante li l-intimata instabet ħatja u ġiet ordnata tħallas ħames mitt euro (€500) penali, hija naqset milli terġa' tibni l-ħajt kif kien u dan mingħajr ma tat raġuni valida għala naqset milli tagħmel dan. Ir-rikorrenti jissottomettu fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħhom li l-Artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li *'kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili'*. Ir-rikorrenti għalhekk qiegħdin jitolbu lil din il-Qorti tordna lill-intimata tqiegħed il-ħajt diviżorju kif kien a spejjeż tagħha taħt l-inkarigu ta' Perit, altrimenti tawtorizza lir-rikorrenti jibnu l-ħajt huma a spejjeż tal-intimata.

Illi l-intimata teċċepixxi li l-kawża hija mibnija fuq deċiżjoni tal-Qorti Kriminali, liema Qorti ma ordnatx il-bini mill-ġdid tal-ħajt u liema azzjoni kriminali hija għal kollox separata mill-azzjoni ċivili u dan skont kif jipprovdi l-Artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali: *'L-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra.'* Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha, l-intimata tissottometti li l-kawża kriminali kienet taħt l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali (*ragion fattasi*), li jikkorrispondi għaliha l-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili (*actio spolii*), huwa għalhekk li r-rikorrenti kellhom iġibu l-azzjoni tagħhom quddiem din il-Qorti b'azzjoni għar-radd tal-pussess f'każ ta' spoll fi żmien xahrejn minn meta sar l-ispoll. Di piu, l-intimata teċċepixxi li hija għandha dritt ta' passaġġ liberu għal fuq bejt ieħor tagħha li huwa aċċessibbli minn fuq il-bejt tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-ewwel li għandu jiġi eżaminat minn din il-Qorti huwa l-effett ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati Kriminali fuq proċeduri Ċivili. Huwa minnu li l-Artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li kull reat jagħti bidu għal azzjoni kriminali u ghal azzjoni ċivili. Min-naħa l-oħra dan l-artikolu mhux qiegħed jgħid iżda li sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali torbot lill-qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili jew li l-intavolar ta' proċeduri kriminali tkopri wkoll proċeduri ċivili; illi meta tiġi ppreżentata azzjoni ċivili naxxenti minn reat, il-Qorti m'hijiex marbuta bid-deċiżjoni li tkun ingħatat mill-qorti fil-ġurisdizzjoni kriminali. Din il-Qorti tifhem dan l-artikolu, anka fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 6 tal-imsemmi Kodiċi, li kull reat jista' jagħti bidu għal żewġ tipi ta' proċeduri liema proċeduri huma separati.

Illi magħdud ma' dan għandu jingħad li mhux biss l-azzjoni ċivili u l-azzjoni kriminali jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra, iżda wkoll għaliex l-grad ta' prova rikjest mil-liġi fiż-żewġ kampi tal-liġi huma differenti minn xulxin. Filwaqt li fil-kamp kriminali l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha 'oltre d-dubju dettat mir-raġuni'; fil-kamp ċivili ir-rikorrent irid jipprova l-każ tiegħu 'fuq bilanċ ta' probabilità'. Il-liġi ma tipprojbixxiex lill-partijiet milli jippreżentaw provi miġbura u/jew sentenzi mogħtija minn qrati ta' kompetenza kriminali, iżda din hija biss waħda mill-provi li l-qorti ċivili tieħu in konsiderazzjoni. Tant huwa hekk, li kif ser jiġi muri aktar 'l quddiem, fil-każ ta' azzjoni ta' spoll l-Artikolu 791 tal-Kap. 12 jipprovdi illi xhieda mogħtija f'azzjoni kriminali jistgħu jifformaw parti mill-provi fl-azzjoni ċivili.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Micallef St. John et vs. Richard Spiteri et** (Ċit Nru 205/1993)[1] deċiża fl-24 ta' Novembru 1994 il-Prim'Awla irriteniet:

Illi jrid jinghad mill-ewwel illi bhal ma hu ben saput il-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati tasal ghall-konkluzjonijiet taghha fuq il-provi li jingiebu quddiemha bl-ebda mod ma jorbot lil din il-Qorti fil-masjoni civili li tasal ghall-istess konkluzjoni.

[1] Sentenza ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-15 ta' Jannar 2002.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **David Pace vs. Frans Falzon et** (Ċit Nru 2395/2000) deċiża fit-3 ta’ Mejju 2011)[2] l-inċident li kien qiegħed jiġi trattat mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili kien ukoll il-mertu ta’ proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-konvenut. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet illiberat lill-konvenut mill-akkużi dedotti kontrih. Fost l-akkużi kien hemm li l-konvenut kien ħebb għall-attur bi flixkun u kkaġunalu feriti ta’ natura gravi. Nonostante li fil-proċeduri kriminali l-konvenut kien ġie lliberat, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili sabet li kien il-konvenut li kien responsabbli għall-akkadut u żammitu responsabbli għad-danni sofferti mill-attur. Il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili rreferiet għal diversi sentenzi u insenjamenti li se jiġu hawn taħt riprodotti:

"Din il-Qorti diversament presjeduta (PA/PS) fil-kawza **“Carbonara vs Ryan”** deciza fit-28 ta’ Jannar 2004 osservat li ma hemm xejn hazin li gudikant fi process civili jorbot decizjoni tieghu mal-provi migbura fi procediment kriminali propju ghaliex fil-ligi ma hemm xejn kuntrarju ghall-ezebizzjoni f’kawza civili ta’ kopja ta’ sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti (**Vol XXV.I.689 u Vol XXXIX.II.768**).

Fis-sentenza moghtija fis-27 ta` Lulju 2007 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza “**Pace vs Camilleri**” kien rilevat hekk: –

[...]

Naturalment minhabba l-indipendenza tal-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi **biss wahda mill-provi** li l-Qorti Civili trid tiehu in konsiderazzjoni (ara - **“Xuereb vs Micallef” – Appell – 26 ta’**

[2] Ara wkoll **Jane Carabott pro et noe vs. Mark Julian Ryan et** (Ċit Nru 1448/1997PS) deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta’ Jannar 2004: *‘Mhux il-kaz li tigi nvestita ulterjorment din il-kwestjoni gjaladarba f’ dan il-gudizzju l-provi dwar l-allegat delitt saru ex novo’*; **Joseph Farrugia et vs. Carmel Borg et** (Ċit Nru 2379/1996) deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta’ Ġunju 2001: *‘Fit-tieni lok huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi f'kawza civili ta' din in-natura m'hemmx bzonn l-intenzjoni li xi hadd jispolja - l-animus spoliandi - u dana proprju in vista tan-natura socjali ta' din l-azzjoni intenta biss ghal priserva tal-buon ordni. Ghalhekk hija wkoll ta' rilevanza margnali s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Kriminali fejn il-konvenut prezenti gie liberat mill-akkuza ta' ragion fattasi li giet proposta kontra tieghu fil-kamp kriminali fejn l-elementi intenzjonali huwa kostitwent tar-reat (almenu fid-delitti minkejja illi anke fil-kontravvenzjonijiet hija rikjesta l-volontarjeta') u dan apparti mill-punt kardinali l-iehor ta' dritt tas-separazzjoni taz-zewg processi - dak civili u dak kriminali - u dan in vista wkoll tal-grad tal-prova differenti rikjesta fiz-zewg proceduri.’*

**Novembru 1923; "Abela vs Bonnici" - PA - 23 ta' Jannar 1958; "Briffa vs Abela" - PA - 28 ta' Marzu 2003; u "Caruana vs Ministru tal-Ambjent et" – PA – 7 ta' Lulju 2004**)

Dan il-punt ta` dritt kien imfisser b`reqqa fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Camilleri vs Cassar**" moghtija fl-1 ta` Dicembru 1955 kien inghad a propozitu hekk -

Mill-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri tal-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni simili ghandhom isiru *ex integro* quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali, anke *ex integro* quddiem il-Qorti Kriminali; pero` xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, ghall-fini ta' attendibbilita` taghhom u tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformement ghar-regola relattiva ghall-provi, tista' tigi prodotta f'kawza civili, li tkun ghadha pendenti, kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan in forza tal-Artikolu 627(e) tal-Kap.12.

Mal-premess, din il-Qorti izzid tghid **ukoll** li l-onus tal-prova huwa divers fil-kamp penali minn dak fil-kamp civili fis-sens li filwaqt li fil-kamp penali jispetta lill-Prosekuzzjoni li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre d-dubbju dettat mir-raguni, fejn allura l-akkuzat ghandu jigi liberat minn dawk l-akkuzi jekk ikun jissussisti dubbju dettat mir-raguni, fil-kamp civili, l-onus tal-prova, ghalkemm jibqa` jinkombi fuq min jallega u cioe` tal-attur, jitkejjel fuq il-bilanc ta` probabilitajiet. Huwa propju ghalhekk li dak deciz f`sede penali jista` jkun biss wahda mill-provi ghall-fini tal-proceduri civili proprju ghaliex iz-zewg proceduri huma ndipendenti u awtonomi minn xulxin kif ukoll ghaliex l-onus tal-prova huwa trattat diversament[3]."

Illi fid-dawl ta' dan it-tagħlim, il-Qorti ma tistax għalhekk taqbel ma' dak li qed jippretendu l-atturi fl-azzjoni odjerna u cioe' illi ġialadarba l-konvenuta instabgħet

[3] Enfasi miżjuda minn din il-Qorti.

ħatja tar-reat ta' raggion fattasi allura din il-Qorti hija marbuta li tikkundanna lill-konvenuta terġa tibdni l-ħajt li dwaru instabet li ħadet il-liġi b'idejha meta ħattitu.

Il-Qorti eżaminat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi u tosserva illi imkien l-atturi ma speċifikaw taħt liema artikolu tal-liġi qed jipproponu l-kawża odjerna. Donnu l-atturi qed iqisu l-azzjoni odjerna bħala waħda sui generis.

Jiġi rilevat illi din il-Qorti ma toperax bħala qorti ta' enforzar ta' deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati Penali jew sabiex tieħu kompetenzi kriminali u tiddeċiedi fuqhom. Dan qiegħed jingħad għaliex mill-qari tal-premessi kif ukoll mill-qari tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, wieħed jifhem li l-atturi qegħdin iresqu din l-azzjoni għaliex il-Qorti tal-Maġistrati ma ordnatx il-bini tal-ħajt li twaqqa mill-intimata (meta setgħet tat din l-ordni) u għalhekk qed jippretendu lil din il-Qorti tagħti dik l-ordni ibbażata fuq id-deċiżjoni li sabet lill-konvenuta hatja ta' reat ta' *ragion fattasi*.

Issir referenza ghall-**Artikolu 85** tal-Kodici Kriminali li fost l-oħrajn fis-subartikolu (2) jipprovdi li:

*(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 377(5) japplikaw f'kull każ ta' sejbien ta' ħtija taħt is-subartikolu (1) u meta l-għemil tal-ħati jkun irriżulta filli persuna oħra tbati spoll il-qorti għandha tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.*

Illi mill-qari tal-Artikolu 377 (5) wieħed għandu jieħu konjizzjoni wkoll dak li jipprovi it-tielet sub-artikolu tal-istess artikolu, fejn jagħti l-fakulta l-Qorti tordna li jitneħħa d-disordni:

*(3) Il-qorti* ***tista'****, ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew, skont iċ-ċirkostanzi, li jikkonforma ruħu mal-liġi, fi żmien, biżżejjed għal dak il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jiġi stabbilit mill-qorti; u, jekk min jagħmel ir-reat jonqos li jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk*

*stabbilit, hu jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' mhux inqas minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien.*[4]

Illi ta' relevanza għall-azzjoni odjerna hija s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-13 t'Ottubru 2017 fl-ismijiet **F. Mercieca & Sons Mobilie Ltd vs. Josef Caruana** (Rik nru 1112/09TA):

"**22.** [...] Jidher li s-socjeta` attrici ghamlet din it-talba fuq il-pretiza li din il-Qorti ghandha timxi "fuq l-istregwa tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u d-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali" sabiex tiddikjara li l-fond 82, fit-Triq Fleur de Lys, Birkirkara gie res inokkupabbli.

**23.** Bir-rispett kollu lejn is-socjeta` attrici, bil-mod kif konfezzjonata l-ewwel talba, din il-Qorti ma tistax taghmel dak li qieghed ikun mitlub minnha. Ma huwiex awdit li Qorti in sede Civili, taghmel taghha konkluzjoni ta' Qorti ohra b'kompetenzi u gurisdizzjoni differenti. Kieku din il-Qorti kellha tadotta l-konkluzjoni tal-Qorti tal-Magistrati, tkun effettivament qieghda taghmel taghha dikjarazzjoni li fil-kamp penali giet ottenuta fuq principji, linji u kriterji legali li ma humiex ko-centrici ma dawk civilistici apparti l-kwistjoni ta' kompetenza.

**24.** Kif tishaq il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Michael Bharwani vs Kontrollur tad-Dwana** datata 6 ta' Ottubru, 2000, "Hu risaput li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili (l-azzjoni hekk imsejha fis-sens estiz tad-dritt privat) jappartjenu t-tnejn kull wahda minnhom fl-isfera taghhom ghall-kriterji distintissimi biex juri u jissenjaw zewg ordnijiet ta' fatt umani li ghandhom in komun il-vjolazzjoni ta' dritt ... ... Fiz-zewg kawzi (pero`) ma hemmx l-istess identita` ta' raguni il-ghaliex ma hemmx l-istess identita` ta' suggett jew kif tissejjah 'identica causa petendi'." (Vol XXXIV.ii.480)

[4] *Ibid.*

**25.** L-effetti tal-azzjoni kriminali u dik tal-azzjoni civili ma jistghux jitqieghdu f'basket legali wiehed jekk mhux fejn il-ligi tippermettihom espressament (ara per ezempju artikolu 791 tal-Kap. 12 fejn il-ligi tippermetti xhieda fi process penali ai fini tal-azzjoni ta' spoll civili). Dan ma jfissirx li l-provi mressqa fi proceduri kriminali ma jistghux ikunu prodotti bhal kull prova ohra fi process civili in sostenn tal-azzjoni civili. Izda permezz tal-ewwel talba, is-socjeta` attrici qed tippretendi hafna aktar minn hekk minn din il-Qorti. L-adottazzjoni awtomatika ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali mill-Prim Awla tal-Qorti Civili f'azzjoni civilistika, hija ghal kollox inawdita. Ghalhekk din it-talba ma hiex ser tintlaqa'.

Ikkonsidrat;

Illi kif ġie ritenut mill-konvenuta, l-azzjoni għad-dispożizzjoni tal-atturi kienet dik ta' *actio spolii* li hija l-ekwivalenti għar-reat ta' *ragion fattasi*. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **Vincenzina Cassar et vs. Annetto Xuereb Montebello** intqal li *'Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-Tribunal Ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili.'*

Illi dan l-aġir huwa proprju dak li l-Artikolu 535 tal-Kapitolu 16 jindirizza billi jipprovdi fl-ewwel subartikolu li *'jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżża' mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili'*. Il-ħtieġa tar-ripristinar f'moħħ il-leġislatur tant kienet importanti li l-Artikolu 791 tal-Kapitolu 12 jeżiġi li *'il-konvenut f'kawża ta' spoll magħmula fi żmien xahrejn minn dak inhar li jkun sar l-ispoll, ma jista' jagħti ebda eċċezzjoni li mhix dilatorja, qabel ma jkun reġa' qiegħed il-ħaġa fl-istat ewlieni u reġa' qiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel il-parti li tkun batiet l-ispoll, f'dak iż-żmien illi, skont iċ-ċirkostanzi, jiġi mogħti lilu fis-sentenza, bla ħsara ta' jeddijiet oħra tiegħu'.*

Inoltre l-liġi teħtieġ li fi proċeduri simili li *'il-qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni, u l-fatt tal-ispoll.'* Illi finalment din il-Qorti tosserva li l-azzjoni ta' spoll hija tant waħda *sui generis* u intiża sabiex jiġi evitat stat ta' *ragion fattasi u* b'hekk tiġi stultifikata s-sistema legali u ġuridika tagħna li, is-subartikolu 4 tal-Artikolu 791 tal-Kapitolu 12 jipprovdi speċifikament li *'f'kawża ta' spoll ix-xiehda tax-xhieda li tkun ingħatat fi proċeduri kriminali għar-reat taħt l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali dwar l-istess għemil li dwaru tkun il-kawża tista' tinġieb bħala prova fil-kawża mingħajr ħsara għad-dritt tal-parti l-oħra għall-kontroezami.'*

Fil-fatt kienet fuq talba tal-atturi li din il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-proċess penali deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) fl-10 ta' Ottubru 2012 liema sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Lulju 2013. Dawk l-atti jiffurmaw parti mill-provi mressqa.

Illi diversi huma dawk il-kawżi ta' spoll li ġew intavolati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li fihom intalab id-dikjazzjoni li kien hemm att ta' spoll u dan nonostante li kien hemm proċeduri kriminali għaddejjien ta' *ragion fattasi* jew kienet instabet ħtija, fosthom, **HSBC Bank Malta plc vs. Tyre Service Ltd et** (Rik Ġur Nru 785/15) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 ta' Mejju 2019, **Paul Azzopardi vs. Raymond Falzon et** (Ċit Nru 294/2006) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-28 ta' Ġunju 2013) u **Angelo Spiteri vs. Ronald sive Ronnie Vella** (Ċit Nru 697/1996) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 t'Ottubru 2003. Dan qiegħed jingħad ukoll sabiex jiġi muri li nonostante li l-provi miġbura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienet tifforma parti mill-provi fil-proċeduri ċivili, kien xorta jeħtieġ li l-ewwel u qabel kollox jintalab dikjarazzjoni li kien hemm att ta' spoll u mhux jiġi assunt mir-rikorrenti li din il-Qorti sejra tagħmel tagħha l-konklużjonijiet ta' proċeduri kriminali.

Għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel, it-tieni, it-tielet, u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta huma fondati u jimmeritaw li jiġu akkolti.

Fiċ-ċirkostanzi mhux meħtieg li l-Qorti tiddelibera dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tilqa' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjoni.

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-eċċezzjoniet,

3. Tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**Moqrija**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**